MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH R. MICALLEF**

Seduta ta' l-10 ta' Mejju, 2005

Citazzjoni Numru. 594/2005

**BANK OF VALLETTA p.l.c**

**vs**

**George u Maria Theresa sive Marthese miżżewġin INCORVAJA**

**Il-Qorti:**

Rat l-att taċ-ċitazzjoni preżentata fit-22 ta’ Ġunju 2005 li bih is-soċjeta’ attriċi wara li ppremettiet;

Illi bit-termini u kundizzjonijiet imsemmija fil-kuntratt datat 9 ta’ Novembru 2000 (Dok “A”), in atti Nutar John Patrick Hayman, is-soċjeta’ attriċi kkonċediet faċilita’ bankarja lil konvenuti George u Maria Theresa sive Marthese miżżewġin Incorvaja;

Illi s-soċjeta' attriċi tinsab kreditriċi tal-konvenuti George u Maria Theresa sive Marthese miżżewwġin Incorvaja fis-somma ta' disgħa u għoxrin elf, sitt mija u sitta u sebgħin Liri Maltin, dsatax-il ċenteżmu u milleżmu (Lm29,676.191) bilanċ għad-debitu fil-"Loan Accounts" ta' George u Maria Theresa sive Marthese miżżewġin Incorvaja mal-Bank of Valletta p.l.c (Dok. "B1" sa Dok. "B3" u Dok. "C1" sa Dok. "C3") flimkien ma' l-imgħax ulterjuri mit-13 ta' Ġunju 2005 sad-data ta' l-effettiv pagament;

Illi seħħew waħda jew aktar mill-ġrajjiet imsemmija fl-imsemmi kuntratt datat 9 ta' Novembru 2000 fuq imsemmi (u hawn esebit bħala Dokument "A") partikolarment, imma mhux esklussivament, billi l-konvenuti George u Maria Theresa sive Marthese miżżewġin Incorvaja (a) naqsu milli jħallsu l-pagamenti dovuti lis-soċjeta' mittenti kif stipulat fl-imsemmi kuntratt, u (b) kienu inadempjenti f'obbligi oħra minnha assunti fl-istess kuntratt sopraindikata, u/jew (ċ) hemm bidliet materjali fiċ-ċirkostanzi ta' l-istess konvenuti George u Maria Theresa sive Marthese miżżewġin Incorvaja li jipperikolaw jew jaffettwaw ħażin il-possibilita' tal-ħlas lura ta' l-imsemmi debitu dovut lis-soċjeta' attriċi u b'hekk il-konvenuti iddekadew mill-benefiċju tat-terminu u l-imsemmi debitu sar dovut fl-intier tiegħu f'daqqa;

Illi l-konvenuti ġew interpellati permezz ta' ittra uffiċjali datata 26 t'Ottubru, 2004, li kopja tagħha qed tiġi hawn esebita u mmarkata Dok. "D", sabiex iħallsu d-dejn fuq imsemmi, iżda dawn baqgħu inadampjenti;

Għaldaqstant is-soċjeta' attriċi talbet lil din l-Onorabbli Qorti għaliex m'għandiex għal dawn ir-raġunijiet premessi:

1. Tiddikjara u tiddeċiedi illi seħħew waħda jew aktar mill-ġrajjiet imsemmija fil-kuntratt fuq imsemmi (u hawn esebit bħala Dokument "A") partikolarment imma mhux esklussivament, billi George u Maria Theresa sive Marthese miżżewġin Incorvaja (a) naqsu milli jħallsu il-pagamenti dovuti lis-soċjeta' mittenti kif stipulat fl-imsemmi kuntratt, (b) kienu inadempjenti f'obbligi oħra minnha assunti fl-istess kuntratt sopraindikata, u/jew (ċ)

hemm bidliet materjali fiċ-ċirkostanzi ta’ l-istess konvenuti George u Maria Theresa sive Marthese miżżewwġin Incorvaja li jipperikolaw jew jaffettwaw ħażin il-possibilita’ tal-ħlas lura ta’ l-imsemmi debitu dovut lis-soċjeta’ attriċi;

2. Tikkundanna lil George u Maria Theresa sive Marthese Incorvaja jħallsu lis-soċjeta’ attriċi s-somma ta’ disgħa u għoxrin elf, sitt mija u sitta u sebgħin Liri Maltin, dsatax-il ċenteżmu u millleżmu (Lm29,676.191) bilanċ għad-debitu fil-“Loan Accounts” ta’ George u Maria Therese sive Marthese miżżewġin Incorvaja mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok “B1” sa “B3”, Dok. “C1” sa “C3”) flimkien ma’ l-imgħax ulterjuri mit-13 ta’ Ġunju 2005 sad-data ta’ l-effettiv pagament;

Bl-ispejjeż kompriżi dawk ta’ l-ittra uffiċjali datata 26 t’Ottubru 2004 u tal-Mandati ta’ Sekwestru u ta’ Qbid li qed jiġu ppreżentati kontestwalment kontra l-konvenuti li huma nġunti minn issa sabiex jidhru għas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni w in-nota tax-xhieda tas-soċjeta’ attriċi;

Semgħet lill-konvenut jistqarr li jammetti it-talba kif dedotta fiċ-ċitazzjoni;

Billi mill-ammissjoni tal-konvenuti, it-talba dedotta fiċ-ċitazzjoni tirriżulta pruvata.

Fuq ammissjoni tal-konvenuti, tiddeċiedi billi **tilqa’ t-talba tas-soċjeta’ attriċi** kif dedotta fiċ-ċitazzjoni bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet legali fuq is-somma msemmija fit-tieni talba, b’effett mit-13 ta’ Ġunju, 2005, sal-jum tal-ħlas effettiv, kontra l-konvenuti flimkien u solidalment bejniethom.

**Moqrija**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------